

22005D0074

15.9.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 239/67

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 74/2005**tad-29 ta' April 2005****li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-koperazzjoni foqhma speċifiċi barra l-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim kien ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2004 tas-6 ta' Awwissu 2004 ⁽¹⁾.
- (2) Huwa xieraq li l-koperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim titkompla sabiex tinkludi koperazzjoni fl-implimentazzjoni u fl-iżvilupp tas-Suq Intern.
- (3) Huwa għalhekk meħtieġ li l-Protokoll 31 għall-Ftehim jiġi emendat sabiex jiġi permess li titkompla din il-koperazzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 7(6) tal-Protokoll 31 għall-Ftehim il-kliem "sena 2004" għandhom jiġu sostitwiti bi "snin 2004 u 2005".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ^(*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' April 2005.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Richard WRIGHT

⁽¹⁾ ĠU L 64, 10.3.2005, p. 3.

^(*) [Ebda rekwiżit kostituzzjonali m'huwa indikat.]